MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 386/2006

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet zzewgu fil-(11) hdax ta' Ottubru 2002 fil-knisja ta' San Leonardu, Hal Kirkop, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, ai termini tal-artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

5. Illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m’ ghandhiex taqta’ u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fil-(11) hdax ta’ Ottubru 2002, fil-knisja ta’ San Leonaardu, Hal Kirkop, null u bla effett, kollox kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa illi l-konvenut jaqbel illi z-zwieg ta’ bejniethom ghandu jigi dikjarati null u bla effett minn dina l-Onorabbli Qorti izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu u dana hekk kif huwa se jipprova waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat

mal-konvenut fil-11 ta’ Ottubru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg lill-attrici.

**Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Ottubru 2002 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tlett snin. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa erba’ snin il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Iz-zewg partijiet jattribwixxu lil xulxin in-nuqqasijiet li wasslu ghat-tifrik tal-konvivenza matrimonjali. L-attrici tghid li matul l-gherusija hija kienet kuntenta mal-konvenut ghax kienet tidhaq hafna mieghu ghax kien cajtier, u wara sitt xhur li bdew johorgu flimkien kienet accetat il-proposta tieghu taz-zwieg, ghalkemm ma hassitx li kienet tafu bizzejjed.[1] Tghid li hadet din id-decizjoni ghax kienet immatura.

Tghid pero’ li l-hajja konjugali kienet differenti, u kienet karetterizzata minn glied kontinwu, partikalarment minhabba l-pozizzjoni finanzjarja batuta tal-partijiet li kienu mghobbija b’ dejn qawwi ghal tul ta’ zmien [35 sena]. Hija tghid li l-konvenut ma kienx ried tfal fiz-zwieg u kien isib diversi skuzi biex l-att taz-zwieg isir bi prekawzjonijiet. Tghid li l-konvenut ma kienx juri hegga biex jahdem, u di fatti ma kienx fittex ghal part time job biex izidu l-introjtu taghhom.

Minn naha tieghu l-konvenut, jilmenta mill-fatt li l-partijiet kienu jargumentaw kontinwament, kemm fuq flus, kif ukoll fuq il-fatt li martu kienet titkellem fuq dak li kien jigri

[1] Fol.6

bejniethom mal-familjari taghha.  Jghid li martu ma kinitx responsabbli fejn jidhlu l-flus, tenut kont tal-pozizzjoni finanzjarja taghhom.

Iz-zewg partijiet jaqblu li l-konvivenza matrimonjali taghhom kienet karatterizzata b' litigji kontinwi, minhabba l-fehmiet opposti taghhom. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom;  u t-tnejn jakkuzaw lil xulxin li ma kienux kapaci jerfghu r-responsabbilitajiet tal-hajja konjugali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplati fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Il-komportament taghhom wara z-zwieg, komparat ma' dak ta' qabel iz-zwieg, huwa evidenza tal-fatt li t-tnejn kemm huma ma gharrfux l-import tal-hajja konjugali, bid-drittijiet u obbligi li din necessarjament iggib maghha.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Ottubru 2002.

L-ispejjez tar-Registru jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------